**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar l- Erbgha 29 ta' April 2025**

**Rikors guramentat nru : 30 /2025 AGV fl-ismijiet;**

**MS**

**VS**

**MA B**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors guramentat ta' MS data 19 ta' Frar 2025;**

Jesponi bir-rispett u bil-guramaent tieghu jikkonferma:

1. Illi r-rikorrenti zzewweg mal-konvenuta MAB nhar it-tmintax ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) gewwa l-Knisja Parrokkjali ta 'San Gorg Preca fis-Swatar limiti tal-Imsida, liema zwieg igib in-numru ta' registrazzjoni gewwa r-registru pubbliku ta' Malta 1820/2009 u dan kif muri bl-atti taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala **Dokument A.**

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldet il-minuri ME SB nhar it-tnax ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u dan kif muri bil-att tat-twelid hawn anness u mmarkat bahla **Dokument B** liema minuri tirrisjedi mal-konvenuta.

3. Illi r-relazzjoni konjugali bejn il-partijiet spiccat irrimedjabilment u di consegwenza huma dehru fuq att pubbliku ta' separazzjoni personali datat l-ewwel ta' Gunju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) quddiem in-Nutar Dottor Luke Caruana kopja ta' liema kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dokument C.**

4. Illi permezz tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni il-konvenuta rrivertiet ghal kunjom xbubitha ossia B.

5. Illi konsegwentament jezistu fic-cirkostanzi odjerni l-kriterji previsti mill-ligi fl-artikolu 66B tal-Kodici Civili sabiex jigi rikjest divorzju.

6. Illi stante l-kuntratt ta' separazzjoni precedentement iffirmat bejn il-partijiet ma jissusistwixu r-rekwiziti tal-artikolu 66 I tal-Kodici Civili.

**Ghaldaqstant** in vista tal-premess ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna joghgobha:

1. **Tippronunzja** d-divorzju bejn il-partijiet u ;

2. **Tordna** notifika tad-divorzju lid-direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien stipulat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jigi debitament registrat skont il-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Il-Qorti rat li l-konvenuta mhux toggezzjoni ghat-talbiet tad-divorzju .

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar fit- 18 ta' Settembru 2009.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**